# TRIBUNAL INDUSTRJALI

# DECIZJONI PRELIMINARI NRU:2465

**Kaz Numru : 3447/DP**

**Fil-kwistjoni tax-xoghol**

**bejn**

**Dennis Paul Nugent (I.D.No.329401L)**

**u**

**Malta Public Transport**
**Triq l-Imdina, Hal-Qormi, Malta QRM 9010**

**dwar tkeccija mill-impjieg allegata ngusta**

**Chairperson : Is-Sinjura Doreen Parnis M.A., M. Qual, B.A., P.G.C.E.**

**Nhar it-Tlieta 28 ta' Frar, 2017**

**Introduzzjoni**

Dan il-kaz gie riferut lit-Tribunal Industrjali permezz ta' Rikors pprezentat mill-Appellant Denis Paul Nugent fir-Registru tal-Qrati Superjuri nhar it-2 ta' Frar, 2016, fejn sostna li t-terminazzjoni ta' l-impieg tieghu kienet nieqsa minn kull aspett ta' 'fair hearing' u l-kaz fl-appell gie deciz mill-istess persuna li sabitu hati fl-ewwel istanza. F'dan ir-rikors, l-esponenti talab lit-Tribunal jillikwida d-danni sofferti minnu u jikkundanna lis-Socjeta' ntimata thallas l-istess danni.
Minn naha taghha s-Socjeta ntimata Malta Public Transport talbet li Preliminarjament t-talbiet tar-rikorrenti ghandhom jigu michuda ghaliex l-impjegat rikorrent kien gie tterminat waqt it-terminu tal-Probation. Fir-risposta is-socjeta' tghid ukoll li kellha kull dritt illi tkecci lir-rikorrent waqt iz-zmien tal-prova tieghu, u bla pregudizzju tghid is-socjeta, elenkat ragunijiet ghala tkecca.

It-Tribunal ha konjizzjoni tad-dikjarazzjonijiet tal-kaz kif prezentati mill-partijiet, evalwa l-provi u d-dokumenti kollha kif esebiti, kif ukoll ha 'in konsiderazzjoni' l-argumenti kif ipprezentati fis-sottomissjonijiet ta' l-avukati difensuri.

**Rapprezentanza**

Denis Paul Nugent, li minn issa l-quddiem ser jissejjah l-Appellant kien assistit mill-Avv. Chris Said u aktar tard minn Dr. Marsette Portelli Xerri.

Malta Public Transport, li minn issa l-quddiem ser tissejjah is-Socjeta ntimata, kienet irraprezentata mill-Avukat Paul Gonzi u mill-Avukat Thomas Bugeja.

**Fatti fil-qosor tal-kaz**

L-Appellant kien gie ingaggat mas-Socjeta' ntimata nhar it-30 ta' Gunju 2015 fuq kuntratt indefinit fil-kariga ta' *Bus Driver.* Nhar l-4 ta' Awwissu tas-sena elfejn u hmistax (2015), l-esponent kien involut f'incident fuq il-post tax-xoghol. Il-kumpanija hadet passi dixxiplinari kontra l-esponenti u sabitu hati u keccietu mix-xoghol.

Minn naha taghha l-kumpanija ntimata Preliminarjament talbet biex it-talbiet tar-rikorrent ghandhom jigu michuda ghaliex l-impjegat kien gie assunt bhala Bus driver f' Ghawdex permezz tal-Kuntratt tax-xoghol datat 30 ta' Gunju 2015 u tkecca permezz ta' Termination letter fil-11 ta' Settembru 2015 u b'hekk fit-terminu tal-probation tieghu.

Minkejja li s-socjeta' kella kull dritt illi tkecci lir-rikorrent waqt iz-zmien tal-prova tieghu, is-socjeta kkontendiet illi t-tkeccija tal-istess rikorrent xorta wahda kienet saret ghal 'raguni gusta u sufficjenti' skont il-ligi.

**Sintesi tas-sottomissjonijiet tal-kaz**

**Dr. Paul Gonzi** ghan-nom tas-Socjeta' ntimata sahaq li dwar l-ewwel eccezzjoni, r-rikorrent kien impjegat permezz ta' kuntratt tax-Xoghol datat 30 ta' Gunju 2015, liema kuntratt jispecifika: "The agreement is valid for an indefinite period with effect from 1st July 2015, **with the first six months as probationary".** Dan, spjega Dr. Gonzi, ifisser illi l-impjieg tar-rikorrent kien soggett ghal perjodu bi prova ta' sitt xhur li beda mill-1 ta' Lulju 2015 u kellu jispicca fl-1 ta' Jannar 2016. In linea preliminary s-socjeta' tirriljeva illi dwar il-mertu, it-tieni eccezzjoni tas-socjeta' esponenti kontenuta fid-Dikjarazzjoni taghha quddiem it-Tribunal inghatat "minghajr pregudizzju" ghall-ewwel eccezzjoni u kwindi huwa essenzjali illi t-Tribunal ghandu per primus jiddetermina l-eccezzjoni preliminary suriferit. Dr.Gonzi qal li bejn il-partijiet tant illi waqt is-seduta li nzammet nhar it-Tlieta 18 ta' Ottubru, 2016 quddiem dan it-Tribunal gie vverbalizzat illi:

**"L-Avukati tal-partijiet qeghdin jaqblu li t-terminazzjoni tal-impjieg grat fiz-zmien meta r-rikorrent kien ghadu fil-probation."**

Intant la r-rikorrent gie mkecci fiz-zmien ta' prova tieghu, ghalhekk fiz-zmien fejn kemm il-haddiem, kif ukoll min ihaddem ghandu cans illi jittermina r-relazzjoni kuntrattwali minghajr ma jaghti raguni u minghajr ebda konsegwenzi ulterjuri. Dr. Gonzi irreferi ghas-sentenza tal-Qorti tal-Appell fl-isminjiet Charlene Vella vs Banif Bank Plc (Appell Civili Nru 21/2011), fliema decizjoni, il-Qorti tal-Appell irrevediet decizjoni tat-Tribunal Industrijali, fejn qalet li t-Tribunal iddecieda b'mod zbaljat meta qal li allavolja r-rikorrenti kienet tkecciet waqt probation hija kellha d-dritt li tiddefendi lilha nniifisha kontra l-akkuza ta' lack of performance li kienet saritilha. Fis-sentenza taghha, kompla Dr. Gonzi, l-Qorti

tal-Appell, wara li stabbiliet illi r-rikorrenti kienet tassew giet mkeccija waqt iz-zmien ta' prova taghha, kkonkludiet u sahhqet illi (1) il-principal kellu l-jedd jitterminalha l-impjieg minghajr ma jaghti raguni u (2) anke jekk il-principal ta raguni, t-Tribunal Industrijali ma kellux il-kompetenza jikkunsidra jekk dik ir-raguni kienitx wahda gusta jew le.

**Dr. Marsette Portelli Xerri** ghan-nom tar-rikorrent fit-sottomissjonijiet taghha qalet li jezisti qbil sussegwenti illi r-rikorrent gie mkecci meta huwa kien ghadu fit-terminu tal-probation tieghu. Hija qalet li kemm –il darba s-socjeta' konvenuta veru xtaqet illi tipprocedi in linea mal-artiklu 36(2) tal-Kap 452 tal-Ligijuiet t Malta, l-andament tal-kaz kien ikun wiehed differenti. F'dan l-istadju jkun idoneu, kompliet Dr. Portelli Xerri, illi wiehed jaghti daqqa t'ghajn lejn l-izviluppi successivi tal-kaz in dizamina, fejn l-esponenti, permezz ta' charge letter, gie rikjest jattendi ghal inkjesta dixxiplinatorja. Hija qalet ukoll li l-esponenti ghadda sabiex jinterponi appell, liema wiehed gie deciz fit-18 ta' Novembru, 2015, fejn giet ikkonfermata it-terminazzjoni tieghu. Dr. Portelli Xerri hija tal-fehma li ghalhekk ikun ingust fil-konfront tal-esponenti illi wara sensiela ta' proceduri, kien ghalih konsum ta' hin u rizorsi, issa jinghad illi l-kaz odjern jista' facilment jigi assorbit fl-artiklu 36(2) tal-Kap 452 tal-Ligijiet ta' Malta.

**Konsiderazzjonijiet.**

Sabiex it-Tribunal seta' jiddeciedi kif mitlub preliminarjament biex it-talbiet tar-rikorrent jigu michuda ghaliex l-impjegat kien gie tterminat waqt il-perjodu ta' prova:

Tenut kont hames fatti li hargu waqt dan il-process u cjoe:

Li r-rikorrent gie mpjegat mas-socjeta' b'kuntratt tax-xoghol datat 30 ta' Gunju 2015 u tkecca permezz ta' termination letter fil-11 ta' Settembru 2015 u b'hekk fit-terminu tal-probation tieghu;

Li l-ewwel eccezzjoni tas-Socjeta' ntimata kienet li ga la darba t-terminazzjonui saret waqt iz-zmien ta' prova u ghalhekk skond id-dispozizzjonijiet tal-artiklu 36 (2) tal-Kap 452, m'ghandux jinstema' l-kaz;

Li t-tieni eccezzjoni tas-socjeta' eccepita bla pregudizzju ghall-ewwel eccezzjoni dwar iz-zmien ta' prova fid-dikjarazzjoni tal-kaz, li kien hemm raguni ghala l-impjieg tar-rikorrent gie terminat;

Li fil-fatt sar process dixxiplinatorju komplet waqt iz-zmien ta' prova';

Li l-partijiet jaqblu li t-temm ta' mpjieg sehh fi zmien ta' prova, anke li d-data tat-terminazzjoni taqa' waqt iz-zmien ta' prova.

**Decizjoni**

Dan it-Tribunal huwa tal-fehma li la hemm qbil li t-terminazzjoni sehhet waqt iz-zmien ta' prova u dan fattwalment gie ppruvat, sab konformita' li fil-fatt hekk sehh, jigifieri l-impjieg gie mitmum waqt il-prova, u ghal daqstant ai terminital-Artiklu 36(2) tal-Kap 452 tal-Ligijiet ta'Malta. Dan it-Tribunal irrefera u kkonsidra wkoll is-sentenza tal-Onorabbli Qorti tal-Appell (Appell Civili Numru 21/2011). F'din is-sentenza gie kkonfermat li minkejja r-rikorrenti tkecciet fi zmien ta' prova u fil-frattemp inghatat raguni ghala tkecciet, ga la darba t-Tribunal preliminarjament kien laqa' li t-terminazzjoni sehhet waqt iz-zmien ta' prova, ma kellux allura kompetenza li jikkonsidra jekk it-tkeccija kinitx ghal raguni gusta jew le. Dan it-Tribunal ihoss li ghandu xorta jigbed l-attenzjoni u jaghti l-parir lil kull socjeta' li tittermina mpjieg waqt zmien ta' prova ta' mpjegat taghha, biex timxi esklussivament mal-provvediment ai termini 36(2) tal-Kap 452 tal-Ligijiet ta' Malta, cioe, tiddikjara li qed taghmel hekk minghajr ma ghandha ghalfejn taghti raguni u b'hekk tkun qed telimina spekulazzjonijiet u jitnaqqsu kazi ta' terminazzjonijiet skond u kif tipprovdi l-Ligi Industrijali minghajr ma jispiccaw f'hogor it-Tribunal, li finalment irid jerga' jirrikorri ghall-istess provvedimenti.

Ghaldaqstant it-Tribunal jilqa'l-ewwel eccezzjoni preliminari tas-Socjeta' ntimata u jiddikjara li t-talbiet tar-rikorrent ghandhom jigu michuda.

Ghall-finijiet ta' l-avviz Legali 48 tal-1986 jistabilixxi d-drittijiet ta' min assista lill-partijiet fl-ammont ta' tlieta u disghin euro u sbatax-il centezmu (€93.17).

B'hekk tintemm din il-kwistjoni tax-xoghol.

**(Iffirmat)**
**Doreen Parnis**
**Chairperson**

**Vera Kopja**

**Graziella Spiteri**
**Ghas-Segretarju**